



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.6.2013
COM(2013) 421 final

2013/0195 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

**li tapprova l-aġġornament tal-programm ta' aġġustament makroekonomiku tal-
Portugall**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Fuq talba tal-Portugall, fis-17 ta' Mejju 2011, il-Kunsill ta' assistenza finanzjarja lill-Portugall (Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/344/UE) bħala appoġġ għal programm ekonomiku u ta' riforma ambizzjuż li għandu l-għan li jirrestawra l-kunfidenza, u b'hekk l-ekonomija terġa' tibda tikber b'mod sostenibbli filwaqt li titħares l-istabbiltà finanzjarja fil-Portugall, fiż-żona tal-euro u fl-UE.

F'konformità mal-Artikolu 3(10) tad-Deċiżjoni 2011/344/UE, il-Kummissjoni, flimkien mal-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) u f'kooperazzjoni mal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), wettqet is-seba' analiżi tal-progress tal-awtoritajiet dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri mifthiema kif ukoll dwar l-effikaċja u l-impatt ekonomiku u soċjali tagħhom.

B'kont meħud ta' informazzjoni li waslet sadanittant, mill-proposta [daħħal ir-referenza] il-Kummissjoni pproponiet li tiġi emendata d-Deċiżjoni 2011/344/UE.

Deċiżjoni addizzjonali hija meħtieġa wara d-dħul fis-seħħ tat-“two Pack” (speċifikament, ir-Regolament (UE) Nru 472/2013) li tiddixxiplina wkoll kif il-kundizzjonalità politika li ssostni programm ta' aġġustament ekonomiku għandha tiġi modifikata. Ir-Regolament (UE) Nru 472/2013 japplika għal programmi ta' aġġustament makroekonomiku eżistenti li ilhom fis-seħħ mid-dħul fis-seħħ tiegħu, u b'konsegwenza ta' dan, jeħtieġ li l-aġġustamenti jsegwu l-proċedura tal-Artikolu 7(5).

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li tapprova l-aġġornament tal-programm ta' aġġustament makroekonomiku tal-Portugall

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 472/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ekonomika u baġitarja tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro li jesperjenzaw jew ikunu mhedda b'diffikultajiet gravi fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru 472/2013 japplika għal Stati Membri li diġà qed jirċievu assistenza finanzjarja, inklużi dawk mill-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabilizzazzjoni Finanzjarja (EFSM) u/jew il-faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja (EFSF), fil-waqt tad-dħul fis-seħħ tiegħu.
- (2) Ir-Regolament (UE) Nru 472/2013 jistabbilixxi regoli għall-approvazzjoni ta' programm ta' aġġustament makroekonomiku għall-Istati Membri li jirċievu din l-għajnuna finanzjarja, li jeħtieġu li jkunu artikolati mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 407/2010 li jistabbilixxi l-EFSM meta l-Istat Membru kkonċernat jirċievi l-assistenza kemm mill-EFSM u kemm minn sorsi oħra.
- (3) Il-Portugall ingħata assistenza finanzjarja kemm mill-EFSM permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/344/UE dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Portugall kif ukoll mill-EFSF.
- (4) Għal raġunijiet ta' konsistenza l-approvazzjoni tal-aġġornament ta' programm ta' aġġustament makroekonomiku għall-Portugall skont ir-Regolament (UE) Nru 472/2013 għandu jsir b'referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/344/UE.
- (5) B'konformità mal-Artikolu 3(10) tad-Deċiżjoni 2011/344/UE, il-Kummissjoni, flimkien mal-FMI u l-BĊE, wettqet is-seba' reviżjoni sabiex tivvaluta l-progress dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri miftiehma kif ukoll l-effettività u l-impatt ekonomiku u soċjali. Bħala konsegwenza ta' din ir-reviżjoni, għandhom isiru xi tibdiliet għall-programm ta' aġġustament makroekonomiku eżistenti.

- (6) Dawn il-bidliet jinsabu fid-Deċiżjoni Nru [daħħal ir-referenza] li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/344/UE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-miżuri speċifikati fl-Artikolu 3(7) sa (9) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/344/UE li se jittieħdu mill-Portugall bħala parti minn programm ta' aġġustament makroekonomiku tiegħu huma b'dan approvati.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Portugall.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President